MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Numru 639/2009

**Pulizija**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**vs**

**Jeffrey Camilleri**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jeffrey Camilleri ta' 20 sena, iben Emanuel u Jane nee' Cherrett, imwieled Pieta' fit-02 ta' Mejju 1989 u residenti 'Torella', Triq Leli Camilleri, Zurrieq u detentur tal-karta tal-identita' numru 0355689(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F' dawn il-Gzejjer fit-08 ta' Mejju 2009 ghal habta ta' 04.00hrs fi Triq il-Belt Valletta, Zurrieq ;

1. B’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkaguna offizi ta’ natura gravi u perdurata fuq il-persuni ta’ Anthony Camilleri skond kif iccertifikat Dr. Claire Bellia mill-isptar Mater Dei Reg.No.5113, u dan bi ksur ta’ Artikolu 226, 1(a) ta’ Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

2. Saq il-vettura BBR 524 b’ manjiera bla kont, traskurata u perikoluza.

F’kas ta’ htija, il-prosekuzzjoni titlob li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall- akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal- akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fedina penali netta tal-imputat, il-fatt li huwa rregistra ammisjoni fi stadju daqshekk bikri tal-proceduri, u l-fatt li l-vittma xehed f’dawn il-proceduri u ddikjara li kien qed jahfer lill-imputat ghal dak li gara u qal li wara l-incident huwa dam rikoverat l-Isptar jumejn u spjega li wara ma baqax imur ghal kura.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li qed isib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta’ hames mitt Ewro (€500) u

tiskwalifikah milli jzomm jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien tmint (8) ijiem millum.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma' l-atti ta' dawn il-proceduri jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------